MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 385/2012

**MICHAEL ATTARD LIMITED (C-32362)**

**vs**

**Joseph FINO (ID. No. 477755M) u**

**FINO FUTURO LIMITED (C-12899)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fit-22 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenuti, tas-somma ta' elfejn mija hamsa u disghin euro u sitta u ghoxrin centezmu ta' euro (€2,195.26) u dan wara li ppremetta hekk:

"Il-kumpanija attrici qed titlob li l-konvenuti jigu ikkundannati jhallasu s-somma ta' elfejn mija u hamsa u disghin euro sitta u ghoxrin centezmu (€2,195.26) rapprezentanti import ta' sitt (6) kambjali, skaduti accettati u ffirmati mid-debitur.

Bl-ispejjes u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv”.

Ra n-nota ta’ cessjoni mressqa fis-seduta tas-27 ta’ Gunju, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuti Joseph Fino u Fino Futura Limited gew debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fid-29 ta’ Mejju, 2012, u fit-30 ta’ Mejju, 2012 rispettivament u ma dehrux ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fis-27 ta’ Gunju, 2012.

Ra l-kapitolu – limitatment ghall-kap ta’ l-ispejjez – li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-27 ta’ Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ikkunsidra;

Illi s-socjeta attrici resqet kapitolu ghas-subizzjoni limitatament ghall-ispejjez tal-kawza. Dwar il-kapitolu ghas-subizzjoni nghad li “*meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-kontumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, imma dan ma jfissirx li l-Qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni*[1]” u “*is-subizzjoni, osservat il-Qorti, hija semplici mezz ta’ prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b’mod li jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra*[2]”.

[1] **Trapani vs Cilia** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ April, 2000 ccitata fil-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Joseph Balzan et** deciza mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta’ Gunju, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia;

[2] Ibid.

Dan ifisser fil-fehma tat-Tribunal, li l-kapitolu ghas-subizzjoni huwa mezz ta' prova konnessa mal-mertu tal-vertenza u ma ghandha x'taqsam xejn mal-kap ta' l-ispejjez. Il-kap ta' l-ispejjez, ghalkemm huwa konsegwenza ta' kif jigi deciz il-mertu tal-litigju bejn il-kontendenti, huwa dejjem imholli ghad-diskrezzjoni tal-gudikant kif dawn jigu akkollati. Dan huwa sew dezunt mill-artikolu 10 tal-Kap. 380 kif ukoll mill-artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta mid-dikjarazzjoni tad-difensur tas-socjeta attrici li l-konvenuti hallsu wara li huma rcevew it-talba odjerna u kien ghalhekk li gie cedut il-mertu tal-kawza u fadal biss x'jigi deciz il-kap ta' l-ispejjez.

Ghaldaqstant, filwaqt li qieghed jichad il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti, u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu peress li dan gie cedut, qieghed jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ghal ispejjez ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------